MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 200/2004

**Wasteserv Malta Limited**

**Vs**

**Penza Tarmac Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm370.64 (tlett mija u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) ghal servizzi rezi ghal rimi ta' skart.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-2 ta' Frar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-5 ta' Lulju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------